40



# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.


*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*


L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.


**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.

## INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA

"Ejja, Ejja", qalet il-Madonna lil Karmni Grima 105 snin ilu. Hekk qed tgħid lilna llum: ejjew għandi biex inwassalkom għand Ibni Ġesù".


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

VOL. III — SENA IX — NRU. 40

**MEJJU — ĠUNJU 1988**



| | | |
|---|---|---|
| * | Il-Kelma tar-Rettur | 57 |
| * | Innoloġija Marjana | 58 |
| * | Santwarji Marjani f'Għawdex | 63 |
| * | Ma' Marija fiż-Żgħożija | 64 |
| * | Omm Tiegħi, Tama Tiegħi | 65 |
| * | L-Ewwel Viżta Pastorali fil-Kappella ta' Pinu wara li tkellmet il-Madonna | 70 |
| * | Tfal, Tħobbuha lill-Madonna? | 73 |
| * | Tama u Faraġ | 74 |
| * | Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba | 75 |
| * | Tislima lill-Verġni Marija | 79 |
| * | Mill-Ħajja tas-Santwarju | 80 |
| * | Grazzi Madonna Għax Smajtni | 82 |


## STAMPA TAL-QOXRA:

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.

# *Il-Kelma tar-Rettur*



***L-ewwel Sena Marjana f'dan is-Santwarju, nistgħu ngħidu li kienet is-sena 1883, meta l-istess Omm tagħna Marija sejħet għall-ewwel darba lit-twajba Karmni Grima, "Ejja, Ejja", biex tiġi żżurha f'darHa, tqimHa u titlobHa.***

***Din is-sejħa baqgħet moħbija f'moħħ u f'qalb Karmni għal xi żmien, imma għal dan l-imkien qaddis, hija kellha sservi bħala bidu ta' sensiela ta' snin Marjani li nittamaw għad jieqfu biss mal-waqfien taż-żmien. Mal-medda tas-snin, l-għarfien ta' dan iċ-Ċentru Marjan kompla dejjem jikber, jiżviluppa u jxerred minnu għadd ta' grazzji, kemm spiritwali kemm ukoll temporali, mhux biss fuq dawk li żaruh fiżikament, imma anke fuq tant oħrajn li semgħu bih u minn djarhom stess ingħaqdu ma' oħrajn li talbu fis-Santwarju għall-bżonnijiet tagħhom.***

***Imma għalkemm is-sejħa "Ejja, Ejja", tal-Madonna dwiet 105 snin ilu, qabżet ukoll xtut il-gżejjer tagħna, laħqet artijiet imbegħda u ġiet milqugħa u apprezzata u bbenefikaw minnha tant bnedmin, nistgħu ngħidu, b'dispjaċir, li jinsabu tant fostna li, minħabba traskuraġni jew minħabba fanatiżmu jew għaliex ma kienx hemm min iwasslilhom din is-sejħa, għadhom s'issa ma fehmux u ma apprezzawx il-ġid u l-grazzji li xxerred il-Madonna minn dan it-Tron li waqqfet fil-gżejjer tagħna.***

***Għal darba oħra, għall-grazzja t'Alla, qegħdin infakkru s-sejħa tal-Madonna li ġrat fit-22 ta' Ġunju, 1883, sejħa li llum, f'din is-Sena Marjana, imxandra mad-dinja mill-Qdusija Tiegħu l-Papa, tinstema' aktar qawwija, f'widnejja, f'widnejk li qed taqra u f'widnejn dawk kollha li jridu jisimgħu, sabiex niġu għandHa, nersqu aktar lejHa, aktar inħobbuHa u aktar inwassluHa lil min għandu bżonnHa. U min jista' jgħaddi mingħajr din l-Omm tas-Sema? Niġu għandHa mhux biex inservu lilna nfusna biss u għas-sempliċi gost tagħna, imma prinċipalment biex inservu lilHa, Ommna, u biex nissagrifikaw lilna nfusna għaliHa kif hija ssagrifikat lilHa nfisHa għalina. U niġu għandHa f'Ta' Pinu, mhux għaliex huwa xi post li għażluh il-bnedmin bħala Ċentru Marjan, bħala dar speċjali tal-Madonna, imma għaliex talbitna biex niġu fih Marija stess, "Ejja, Ejja".***

***Tajjeb, għalhekk, li aħna li lqajna s-sejħa tagħHa u bbenefikajna minnha, issa nagħmlu ħilitna sabiex inkunu appostli tagħHa u nwasslu din il-għajta lil dawk ħutna li s'issa għad ma kellhomx ix-xorti li messet lilna. Dan nistgħu nagħmluh b'diversi modi, bil-kelma, bl-eżempju, bil-fatti. Nistgħu nagħmluh billi nitkellmu fuq il-ġrajja tal-Madonna u nkunu xhieda ta' tant grazzji li l-Madonna xxerred fuq id-devoti tagħHa, billi nkunu minn ta' quddiem li nżuruHa fuq il-post li minnu steditna, billi nxerrdu kitba fuqHa bħalma huma l-istorja tas-Santwarju, il-perjodiku "Madonna ta' Pinu", billi nwasslu nformazzjoni fuq l-attivitajiet li jsiru fis-Santwarju u nieħdu sehem fihom.***

***Hija xewqa tagħna li fit-tifkira tagħha, f'din is-sena speċjali, b'ħerqa aktar missoltu aħna nġeddu l-wegħdiet tagħna li nkomplu nimpenjaw ruħna sabiex nikbru fl-imħabba lejHa u nkomplu nxandru l-isem tagħHa, ħalli ma tkunx għalina tifkira li tgħaddi mingħajr ma tħalli ebda frott, imma waħda li tkompli tressaqna aktar lejHa sa ma tgħaqqadna f'kollox magħHa.***

# INNOLOĠIJA MARJANA

Mill-
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

# (20) Il-Madonna fil-Poeżija Polakka

L-ewwel għamla ta' letteratura reliġjuża li dehret fil-Polonja, kienet miktuba bil-Latin u kienet tikkonsisti aktarx fi kronaki u f'ħajjiet tal-qaddisin. Kien hemm ukoll xi versi latini b'tifħir lill-Madonna u din il-poeżija latina, baqgħet tinkiteb anke wara li bdiet tiffjorixxi l-letteratura polakka. Sas-seklu sbatax, poeti magħrufa fil-Polonja, middew idejhom għall-versi latini. Hekk kien per eżempju Maciej Kazimierz SARBIEWSKI, (1595-1640) surmast fi skola



tal-Ġiżwiti, li huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa poeti ta' żmien ir-rinaxximent polakk, hekk li ġie msejjaħ "**Horatius Christianus**" peress li pprova jimita lill-poeta klassiku Horatius. Sarbiewski kiteb ukoll xi għanjiet dwar il-Madonna. Iżda nħallu fil-ġenb il-poeżija miktuba bil-Latin, u nitkellmu biss dwar dik li nkitbet bil-lingwa polakka.

## L-EWWEL GĦANJIET MARJANI BIL-POLAKK

L-għanja reliġjuża l-iktar antika, li biha l-ilsien polakk beda jafferma ruħu fuq il-Latin, hija l-innu lil Omm Alla, "**Bogurodzica**". Din l-għanja nkitbet qrib it-tmiem tas-seklu tlettax, u l-awtur tagħha mhux magħruf. Matul il-kors tas-snin, sarulha xi żidiet u xterdet mal-Polonja kollha. Fil-waqt li kien jimmarċja lejn il-kamp tal-battalja, ta' Grunwalden (1410), l-eżerċtu polakk, kanta din l-għanja bħala innu nazzjonali. Għal ħafna sekli, il-Kleru tal-Katidral ta' Gniezno jkantaha ta' kull nhar ta' Ħadd fuq il-qabar ta' Sant'Adalbertu. Iż-żewġ strofi l-iktar qodma ta' din l-għanja huma dawn:

"Omm Divina
Xebba msebbħa minn Alla
Omm magħżula, ibagħtilna
L-Iben tiegħek, il-Mulej.
Iben t'Alla, b'interċessjoni tal-Battista
Isma' talbna, wettaq xewqatna ta' bnedmin,
Agħti widen għat-talb li nressqulek
u tina dak li nitolbuk:
ħajja tajba f'din id-dinja
u wara l-Ġenna agħtina."

Il-versi l-oħra dwar il-Madonna li nkitbu bil-Polakk, qabel is-seklu sittax, huma aktarx xogħol ta' awturi mhux magħrufa u jikkonsistu fil-parti l-kbira tagħhom fi traduzzjonijiet minn ilsna oħra u f'innijiet liturġiċi bħal ma huma l-"**Ave Maris Stella**" u r-"**Regina Coeli**". Għad li dawn il-kompożizzjonijiet poetiċi huma ħelwin għas-sentimenti li jesprimu u għas-sempliċità tagħhom, iżda qatt ma jaslu għal-livell tal-Bogurodzica, u qatt ma kisbu l-popolarità li kellha dik l-għanja.

Fis-sena 1521, ġo Krakovja, ġiet ippubblikata l-ewwel kollezzjoni ta' poeżiji

marjani bit-titlu "**Kuruna ta' ward lill-Verġni Marija**". Il-poeżiji li hemm fiha jikkonsistu f'versi aktarx sempliċi, iżda swew bħala pedament li fuqu kellha timbena u tissawwar il-poeżija reliġjuża polakka fis-snin ta' wara.

## LETTERATURA TAR-RINAXXIMENT POLAKK

Ir-rinaxximent fil-Polonja, bħal f'pajjiżi oħra, ġab miegħu bruda fil-ħajja reliġjuża u dan in-nuqqas ta' fervur, jinħass ukoll fil-poeżija marjana. Veru li f'din l-epoka l-letteratura ta' dan il-pajjiż, laħqet livell għoli ħafna, iżda huwa aktarx rari li tissemma l-Madonna. F'ċerti poeti kbar, bħal NIKOLAJ REJ (1505-1569) li fis-sena 1546 sar Kalvinista, u JAN KOCHANOWSKI (1530-1584) dan is-suġġett qatt ma jispira l-versi tagħhom.

Hemm però xi eċċezzjonijiet ta' min jagħti kashom; kien hemm xi ftit poeti f'din l-epoka li għannew dwar il-Madonna, tawha ġieh u talbu l-ħarsien tagħha. Fost dawn l-aqwa wieħed kien NIKOLAJ SZARZYNSKI (1550-1581) li aktarx kien ukoll l-ewwel poeta magħruf b'ismu li kiteb tifħir lill-Madonna bl-ilsien polakk. L-informazzjoni dwar il-ħajja qasira tiegħu hija skarsa ħafna. Ħalla kollezzjoni ta' poeżiji li ġiet ippubblikata wara mewtu u li biha sar magħruf bħala l-aqwa poeta liriku. Il-versi tiegħu, fihom ħsibijiet filosofiċi profondi u l-poeżija reliġjuża fih, hija kważi mistika. SZARZYNSKI, huwa meqjus bħala prekursur tal-letteratura barokka fil-Polonja. Huwa ntroduċa l-forom poetiċi, li kien juża l-poeta taljan Francesco Petrarca, bħal ma hu s-sunett. Imsemmi ħafna, fost ix-xogħlijiet poetiċi ta' SZARZYNSKI, is-"**Sunett lil Marija**". Fih u f'poeżija oħra tiegħu, jiddeskrivi lill-Madonna, bħala xebba mdawra b'kuruna ta' dija, imqegħda fuq il-quċċata tal-għoljiet fil-glorja tas-sema, u li tgħaffeġ b'riġilha ras is-serpent. Is-Sunett lil Marija jista' jitqies bħala l-isbaħ innu ddedikat lil Marija, matul il-perjodu tar-rinaxximent polakk. Fih hemm mhux biss is-sentimenti sinċieri li kellhom ħafna mill-poeti ta' qablu, iżda wkoll is-sbuħija tal-istil tax-xbihat.

## CZEZTOCHOWA U L-QIMA LEJN IL-MADONNA

Żewġ fatturi li saħħew id-devozzjoni marjana fil-Polonja, matul is-seklu sbatax kienu: ir-rebħa tal-Polakki fuq l-eżerċtu kbir tal-Iżvediżi, immexxijin mis-Sultan Gustav Vasa, li assedjaw il-fortizza ta' Jasna Gora, f'Czeztochowa, kif ukoll il-ġrajja ta' meta s-Sultan tal-Polonja, Ġwanni Każimiru, b'solennità kbira fil-beetlt ta' Leopoli, fis-sena 1656, iddikjara lill-Madonna "**Reġina tal-Polonja**".

Sehem kbir fir-rebħa fuq l-Iżvediżi kellu l-Prijol tal-Patrijiet Pawlini, AUGUSTYN KORDECKI, li ħeġġeġ il-poplu biex jirreżisti għal ħames ġimgħat sħaħ u wara li ntemmet il-battalja, hejjieh biex jagħmel il-konsagrazzjoni tiegħu nnifsu lill-Madonna. Dwar din it-taqbida bejn il-Polakki u l-Iżvediżi, WALENTY ODYMALSKI kiteb poeżija li sejħilha "Tnax il-għanja fuq id-difiża ta' Jasna Gora". Dawn il-versi ma fihom valur letterarju kbir, iżda huma xhieda ta' mħabba profonda lejn il-Verġni Mbierka li ġabet ir-rebħa lill-poplu Polakk.

Għas-seklu sbatax jappartjieni wkoll WESPAZJAN KOCHOWSKI (1633-1700) li kien mhux biss poeta, iżda wkoll l-istoriku tar-Re Ġwanni Sobieski u membru tal-Kanċellerija Rjali. Ħa sehem attiv fil-battalja li biha l-belt ta' Vjenna ġiet meħlusa mit-Torok, fl-1683. Huwa jistqarr il-fiduċja kbira tiegħu lejn il-Verġni Mbierka f'diversi xogħlijiet letterarji, bħal ma huma "**Is-Salmodiji Polakki**", fejn jimita s-salmi ta' David, u fil-poeżija "**Kenn tal-Kuruna Polakka**".

## ILLUMINIŻMU U ROMANTIĊIŻMU

Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, waslet fil-Polonja wkoll il-mewġa ta' l-Illuminiżmu u Razzjonaliżmu, li dgħajfet is-sentimenti reliġjużi ta' ħafna mill-intellettwali. Il-pajjiż inħakem ukoll minn gwerer twal u qerrieda u l-Polonja ta' spiss sfat mgħaffġa miż-żewġ ġirien tagħha, wisq iktar qawwija minnha: ir-Russja u l-Prussja.

Il-kultura poetika, f'dan il-perjodu ftit għamlet progress, u dak li deher ġdid fil-kamp letterarju kienu aktarx traduzzjonijiet

u imitazzjonijiet ta' xogħlijiet ta' pajjiżi oħra.

Madankollu, 'l hawn u 'l hemm fil-poeżija ta' din l-epoka, xi riferenza għall-Verġni Mqaddsa teżisti wkoll. Hekk FRANCISZEK DIONIZY KNIAZNIN (1750-1807) li kiteb mhux biss lirika, iżda wkoll drammi u li ttraduċa poeti klassiċi, għandu kliem ta' tifħir għall-Madonna. Miegħu nsemmu wkoll lil FRANCISZEK KARPINSKI (1741-1825) li fil-poeżija polakka jirrappreżenta s-sentimentaliżmu pre-romantiku. Għandu ħafna għanjiet reliġjużi; xi wħud minnhom marjani, li jqanqluk għas-sempliċità tagħhom. Karpinski kien popolari ħafna u aktarx, l-aqwa poeta liriku ta' żmienu.

Qabża kbira 'l quddiem u tisħiħ tas-sentimenti reliġjużi, twettqu fil-letteratura Polakka matul l-epoka romantika. Il-qima lejn il-Verġni Mbierka, fil-poeti romantiċi, reġgħet bdiet tinħass, anzi forsi kienet fl-aqwa tagħha.



Nibdew bil-poeta JULIUSZ SLOWACKI (1809-1849). Wara li falliet ir-rivoluzzjoni ta' Novembru 1831, ħareġ minn pajjiżu u żar diversi artijiet fosthom l-Italja, il-Greċja u Franza. Kiteb proża, poeżija u drammi poetiċi li fihom tinħass l-influwenza ta' Shakespeare u ta' Calderon. Sar il-mudell għall-poeti, tal-"**Polonja Żagħżugħa**" u tas-suċċessuri tagħhom. Fil-poeżiji tiegħu, igħanni mhux biss l-imħabba lejn Marija, u l-ħila fit-taqbid iżda wkoll il-fidi, id-drawwiet reliġjużi u l-ħarsien tal-Verġni Mbierka. Huwa beda l-karriera letterarja tiegħu, proprju b'innu lil Omm Alla, li fih wera kemm is-sentimenti patrijottiċi ta' żgħożitu kif ukoll imħabbtu lejn il-Madonna.

Post tal-aqwa ġieh fil-letteratura Polakka jistħoqqlu l-kittieb ADAM BERNARD MICKIEWICZ (1798-1855). Studja fl-Università ta' Vilno, kif ukoll għand il-Patrijiet Dumnikani ta' Nowogrodek. Kien għalliem f'Kowno mill-1819 sal-1823. Peress li kien imdaħħal fi grupp ta' żgħażagħ patrijottiċi ġie arrestat u eżiljat fir-Russja. Żar diversi pajjiżi bħall-Italja, l-Iżvizzera u l-Ġermanja, fejn iltaqa' ma' poeti famużi bħal Goethe, Krasinski u Pushkin. Ġie li ġarrab il-faqar, iżda fl-1839 kiseb il-kattedra tal-Latin fl-Università ta' Lausanne u iktar tard dik tal-Letteratura Slavonika fil-College de France. Minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu, tilef l-impjieg li kellu. Ipprova bla suċċess li jorganizza eżerċtu tal-Polakki kemm fl-Italja kif ukoll fit-Turkija fejn miet fl-1855.

Huwa beda l-perjodu tar-Romantiċiżmu Polakk bil-"Ballady i Romanse" (1822) u rnexxielu jiġbed warajh l-ewwel liż-żgħażagħ imbagħad lill-poplu kollu. Fil-poeżija tiegħu jinħassu qawwija kemm is-sentimenti patrijottiċi kif ukoll dawk reliġjużi. Il-kapolavur tiegħu, "**Pan Tadeusz**" miktub fuq ix-xempju tal-epika ta' Omeru, jagħti ritratt tal-ħajja fil-kampanja polakka, fis-seklu dsatax. Ħalla wkoll xi kitbiet għall-palk. Huwa meqjum, mhux biss bħala l-ikbar poeta polakk, iżda wkoll bħala patrijott, bħala profeta, u bħala mgħallem tal-ġenerazzjonijiet ta' żmienu.

Sa minn ċkunitu, ommu nisslet fih devozzjoni sinċiera lejn il-Madonna. Meta kien għadu tifel marad serjament u rċieva l-fejqan, wara li saret wegħda lill-Madonna ta' OSTRABRAMA. Meta sar żagħżugħ, irnexxielu jħares il-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu, anke fl-atmosfera ta' nuqqas ta' fidi li kien hemm fl-Università, u żamm dejjem f'qalbu qima u mħabba lejn

il-Verġni Mbierka. Espressjoni ċara ta' din id-devozzjoni marjana ta' MICKIEWICZ huwa l-innu tal-Lunzjata, "**Hymn na dzien Zwiastowania Najsw Marii Panny**". F'din il-poeżija, il-kittieb jilmaħ lil Marija mżejna bl-aqwa sbuħija, imdawra bid-dija tażżerniq, hekk li bil-bjuda ta' ruħha u bissafa verġinali tagħha, tisraq il-qalb t'Alla. F'innu ieħor, miktub iktar tard, meta Mickiewicz kien diġà daq l-imrar ta' l-eżilju, l-innu msejjaħ "Lil Omm Polakka", "**Do Matki Polki**", jiddeskrivi lil Sidtna Marija bħala Omm tad-duluri u jistieden lill-ommijiet polakki biex jirrikorru għandha fid-dwejjaq tagħhom.

Fil-bidu tal-kapolavur tiegħu, "**Pan Tadeusz**", fuq l-eżempju tal-poeti klassiċi, li kienu jiddedikaw il-versi tagħhom lil xi divinità, jagħmel ukoll id-dedika tal-epika tiegħu, iżda jagħmilha lil Omm Alla.

"O Verġni Mqaddsa,
Li tħares lil CZESTOCHOWA kollha dawl
u tiddi ġo WILNO f'OSTRABRAMA
NOWOGRODEK bil-poplu fidil tagħha,
kif lili, meta kont għadni tifel, tajtni saħħti,
wara li ommi mbikkija qegħditna taħt il-ħarsien tiegħek,
jien mill-ġdid ftaħt xfar għajnejja
u ksibt il-ħila li nasal bil-mixi
sa ħdejn l-għatba tat-tempju tiegħek
biex inrodd ħajr lil Alla li reġgħani għall-ħajja;
hekk ukoll, o Verġni,
b'miraklu reġgħana lura
għal ħdan Art Twelidna."

Qrib tmiem il-poema, Mickievicz jitkellem dwar il-festa tal-Madonna tal-Fjuri, li skond id-drawwa polakka kienet tiġi ċċelebrata fix-xahar ta' Mejju, billi jqiegħdu quddiem ix-xbiehat tagħha bukketti u kuruni ta' ward. B'dawn il-versi huwa ried ifakkar ukoll il-laqgħa li l-Polakki kellhom ma' l-armata ta' Napuljun, fir-rebbiegħa tal-1811, meta dan kien sejjer jinvadi r-Russja.

Mickiewicz, meta kien jgħix fil-College de France, biex għal darb'oħra jistqarr imħabbtu lejn Sidtna Marija, kiteb proża bit-titlu, "**Il-Kelmiet tal-Madonna**" u dan kien l-aħħar xogħol letterarju tiegħu.

## POEŻIJA MODERNA

Poeta ieħor tas-seklu dsatax huwa CYPRIAN NORWID (1821-1883) li kien ukoll pittur u kiteb xi drammi. Telaq minn pajjiżu fis-sena 1842 u qagħad għal xi żmien f'Ruma u wara f'Pariġi fejn kien iżomm laqgħat mal-emigranti polakki. Għadda sentejn ġo New York, iżda reġa' rritorna lejn Pariġi u kien jgħix ħajja fqira kważi minsi minn kulħadd. Il-poeżija tiegħu bdiet tiġi apprezzata mill-1901 'l hawn u kellha nfluwenza kbira fuq il-poeżija tas-seklu għoxrin. Il-lirika tiegħu titbiegħed mir-romantiċiżmu u bi kliem komuni tesprimi ħsibijiet filosofiċi, mhux dejjem ħfief biex tifhimhom. Din il-ġibda li kellu lejn dak kollu li huwa ġdid u oriġinali, ma naqqsitlu xejn mis-sentimenti reliġjużi tiegħu. Id-devozzjoni lejn Sidtna Marija, urieha fi 32 strofa bit-titlu "**Litanija tal-Madonna**". F'din il-poeżija jsejjaħ lil Marija bl-ismijiet l-iktar ħelwin u jistqarr li hija l-faraġ tal-imnikktin u sultana ta' dawk li huma persegwitati.

Fl-aħħar parti tas-seklu dsatax il-proża polakka saret iktar importanti u magħrufa mill-poeżija. F'dan il-kamp ta' min isemmi l-Premju Nobel, rumanzier HENRYK SIENKIEWICZ (1846-1916) li kiteb il-"**Quo Vadis**" u rumanzi oħra. F'wieħed minnhom, "**Id-Dulluvju**" jirrakkonta l-istorja ta' l-assedju ta' CZEZTOCHOWA.

Fost ix-xogħlijiet poetiċi tal-bidu tas-seklu tagħna, insemmu dawk ta' MARIA KONOPNICKA (1842-1910) li mkeċċija mir-Russja, ivvjaġġat f'ħafna pajjiżi u kitbet novelli qosra u poeżiji, barra minn dawk li ttraduċiet minn lingwi oħra. Kellha simpatija kbira għal dawk li qegħdin isofru u kienet tqis il-ħidma letterarja tagħha bħala missjoni. Fi żmienha kienet popolari ħafna, illum hija magħrufa l-iktar minħabba l-kitbiet tagħha għat-tfal Kellha għanjiet ħelwin dwar Sidtna Marija u ħadmet biex ikunu iktar magħrufin fost il-polakki, il-kwadri tal-Madonna li ħarġu minn idejn artisti taljani famużi bħal Raffaello u Botticelli.

Poeta ieħor tas-seklu tagħna, huwa WLADYSLAW ORKAN (psewdonomu ta' FRANCISZEK SMRECZYNSKI (1876-1930). Twieled minn familja fqira. il-versi li

kiteb huma perfetti fil-forma tagħhom, iżda xi ftit melankoniċi. "**L-immakulata**" huwa t-titlu ta' waħda mill-poeżiji tiegħu.

Ngħaddu issa biex insemmu wieħed mill-aqwa poeti tas-seklu għoxrin, JAN KASPROWICZ (1860-1926) bin il-bdiewa, studja f'Leipzig u Breslau. Ġie arrestat mill-Ġermaniżi fl-1887. Mis-sena 1889 sal-1909 ħadem ta' ġurnalist. Imbagħad ġie nominat Professur tal-Letteratura Komparativa. Fl-ewwel perjodu ta' ħajtu kiteb dwar il-problemi soċjali u ħadha kontra l-inġustizzji. Iktar tard il-versi tiegħu saru qishom innu ta' wġiegħ u ta' disperazzjoni għaliex infixel fuq il-problema tal-ħażen fid-dinja u kien inkorlat għal Alla. Iżda diġà fil-poema, "**Ballada o Sloneczniku**" (1908) jidher li biddel ir-rotta, sar iktar rassenjat u fil-paċi ma' Alla. Fil-poeżiji tiegħu jinħassu emozzjonijiet profondi. Qaleb għall-polakk, xogħlijiet ta' letterati barranin. Kasprowicz huwa wkoll devot tal-Madonna u wieħed mill-innijiet tiegħu, iġib l-isem "**Salve Regina**". Fih jiddeskrivi lil Sidtna Marija bħala Padruna tad-dinja, l-Immakulata li tgħaffeġ ras is-serpent; lejha jirrikorru l-bnedmin kollha u donnu b'seħer lejha jinġibed il-ħolqien kollu.

Matul it-tieni gwerra mondjali u l-perjodu li ġie warajha, nibtu xi xogħlijiet poetiċi, speċjalment fost il-Polakki li għal raġuni jew oħra kienu ħarġu minn pajjiżhom u bdew igħixu f'artijiet oħra. Il-gwerra ġabet diżastru sħiħ fil-Polonja, iżda l-poplu bħal fl-imgħoddi, inxteħet f'riġlejn Marija u fiha qiegħed it-tamiet tiegħu. Xi għanjiet tal-poeti ta' din il-ħabta għandhom ċara fihom il-marka marjana. Għandna eżempju ta' dan, fil-"**Litanija ta' Loretu**", poeżija ta' ZDZISLAW BRONCEL li kien emigrat. F'dawn il-versi huwa jesprimi l-hemm u t-tbatijiet kollha li għaddiet minnhom in-nazzjon tiegħu u jagħme sejħa mqanqla mill-fidi lil Sidtna Marija.

Wara din id-daqqa t'għajn mgħaġġla lejn l-istorja tal-poeżija polakka, tiġi weħidha l-konklużjoni li dan in-nazzjon kattoliku, kellu dejjem fiduċja u mħabba bla ma taqta', lejn Marija, Sultana għażiża tiegħu.

# TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Biblijoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, lilna jistgħu jiswewlna ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

**Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Biblijoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".**

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.

# SANTWARJI MARJANI F'GĦAWDEX

*Kitba ta' MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral*

## (8) IL-KNISJA TAS-SULTANA TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ

Kien il-Kappillan tal-Qala li fl-1877 stinka, ħadem u tħabat bla heda biex iwaqqaf is-Sorijiet Franġiskani f'Għawdex. Iżda biex jilħaq l-iskop tiegħu l-ewwel li ma ħaseb kien biex itella' Monasteru fejn dawn is-sorijiet setgħu jgħammru. Għalhekk l-imsemmi Dun Ġużepp Diacono, imsaħħaħ bil-kelma siewja ta' Mons. Pietru Pace, l-Isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien, ġabar somma ta' flus ġmielha biex seta' jibda x-xogħol ta' dan il-blokk bini. Flimkien mal-monasteru nbniet ukoll knisja tassew ħelwa ddedikata lis-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Mhux ta' b'xejn mela li l-isem ta' dan il-kappillan Dun Ġużepp Diacono, għadu u jibqa' jgħix fil-moħħ u fil-qalb ta' kull Soru Franġiskana.

Dan il-bini jinsab fi Triq Palma, ir-Rabat, fejn l-ewwel 26 xebba nġabru u saru Kongregazzjoni Sempliċi fl-4 ta' Jannar, 1878. U kien it-18 ta' Ottubru, 1880, meta dik il-Kongregazzjoni tbiddlet f'Komunità Reliġjuża.

F'dan is-Santwarju Marjan flok kwadru titulari nsibu statwa tassew issaħħrek bi ġmielha, tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li kien ħaseb għaliha l-istess fundatur ta' dawn is-sorijiet, Dun Ġużepp Diacono.

Barra l-artal maġġur f'din il-knisja nsibu erba' artali oħra — tnejn fuq kull ġenb tat-tempju. Kif tidħol, fuq in-naħa tal-lemin ta' dan is-Santwarju, issib kappella ċkejkna f'ġieh ir-Redentur u ftit 'il fuq minnha nsibu l-artal ta' San Franġisk. Fuq il-ġenb



tax-xellug, imbagħad, hemm l-artal ta' San Ġużepp u dak tal-Madonna tad-Duluri. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata fit-18 ta' April, 1909, mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġwanni M. Camilleri, l-Isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien.

F'din il-knisja nsibu żewġ Għaqdiet: Dik tal-"Kwiekeb tal-Qalb Imqaddsa ta' Marija" — Stelle del Sacro Cuore — u l-oħra ta' "l-Ulied ta' Marija" — Figlie di Maria. Din il-knisja, li hija mibnija mill-aħwa Ġużepp u Vitor Portelli, hi tassew ħelwa, għolja mhux ħażin u fuq kollox

*ikompli f'paġna 81*




## Ma' Marija fiż-Żgħożija

*Mill-*

KAN. JOE MEJLAK

# L-ERBA' "FIAT"

L-istorja tad-dinja tiddependi minn kelma sempliċi ħafna: "FIAT", "IKUN", jew kif ngħidu bil-Malti, "IVA".

Fl-Iskrittura Mqaddsa, insibu li l-kelma "Fiat" intqalet erba' darbiet. Dawn l-erba' "Fiat" huma l-erba' pilastri li fuqhom tistrieħ id-dinja.

**L-ewwel "FIAT"** intqal minn Alla nnifsu...u saret il-kreazzjoni (Fil-Ktieb tal-Ġenesi: "Fiat lux..." "Isir id-dawl...u d-dawl sar").

**It-tieni "FIAT"** intqal minn Marija...u bdiet isseħħ l-inkarnazzjoni. (F'Nazaret, Marija qalet "iva" lill-Anġlu: "Fiat mihi secundum verbum tuum..." "Ikun minni skond kelmtek". U għall-kelma "fiat" — "iva" — ta' Marija, il-Verb ħa l-ġisem fil-ġuf ta' Marija).

**It-tielet "FIAT"** intqal minn Kristu...u bdiet isseħħ ir-redenzjoni. (Fl-Ort tal-Ġetsemani, Ġesù qal: "Non mea voluntas sed tua fiat"..."Mhux kif irrid jien iżda kif trid Int." U bdiet il-fidwa tal-bniedem).

**Ir-raba' "FIAT"**...min se jgħidu? INT u JIEN, fit-talba tal-"MISSIERNA": "Fiat voluntas tua"..."Ikun li trid Int."

Id-dinja tiddependi mill-"IVA" tiegħek u tiegħi.

Għaldaqstant, importanti tiftakar:
* Bl-ewwel "Fiat": twieldet id-dinja.
* Bit-tieni "Fiat": twieled Kristu.
* Bit-tielet "Fiat": twieldet it-tama tal-Fidwa.
* Bir-raba' "Fiat": titwieled u titnissel il-QDUSIJA.

# KOLLNI TIEGĦEK

Marija, agħmel li bħala żagħżugħ nisrani/żagħżugħa nisranija, inkun kollni kemm jien tiegħek:

* tiegħek fil-ħajja, tiegħek fil-mewt;
* tiegħek fid-dwejjaq, fil-biża', fil-għawġ;
* tiegħek fis-slaleb u fl-imrar;
* tiegħek f'din id-dinja u fl-eternità.

*Fl-okkażjoni tas-Sena Marjana qed nippubblikaw sett ta' rifless-jonijiet miktuba mill-***W.R. MONS. SALV BORG,** *Arċipriet tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria. Kull riflessjoni tieħu l-forma ta' djalogu bejn il-bniedem u l-Madonna.*

# OMM TIEGĦI TAMA TIEGĦI

## (7) IL-MODA

Il-folla inġabret.
Il-bibien ingħalqu.
Il-mużika bdiet iddoqq.
Serbut ta' dawl
deher jiġri minn naħa għall-oħra.
U l-irjus daru
u l-għajnejn iċċassaw iħarsu
lejn tarf il-palk dejjaq
u bla sabar stennew titfaċċa l-ewwel mudella.

U dehret,
u mxiet tiżżegleg
u daret dawra mejt mal-folla
filwaqt li leħen ta' persuna
li ma riditx turi wiċċha
instema' jfisser
x'kienet liebsa dik it-tfajla.

U l-folla ċapċpet;
u stenniet ħerqana
titfaċċa t-tieni waħda;
u t-tielet u r-raba',
u baqgħu sejrin hekk
sakemm l-ilbiesi kollha
kienu dehru
jitperrċu fuq il-palk
u fl-aħħar deher "hu"
is-saħħar tal-ħwejjeġ,
ir-Re tal-moda,
is-Sid ta' ġenn il-moħħ
tan-nisa tagħna:
Valentino....

U kulħadd faħħar
dak li ra,
avolja ma fehem xejn
minn dak li intwera lilu,
u ċapċap idejh
għall-ilbies li fil-fond ta' qalbu
kien ċert
li anqas jekk jagħtuhulu b'xejn
ma kien ser jilbsu.

Iżda la darba ġejna
għall-isfilata tal-moda,
evviva l-moda....



X'jimporta
li l-libsa mhix sabiħa;
x'jimporta
li l-mini skirt ma jixraqlix;
x'jimporta li nitperreċ;
x'jimporta li b'ilbiesi
qed neqred il-qalb
u l-moħħ ta' tant bnedmin!!!
X'jimporta li kollox jgħodd għalija,
jekk nidħol fi knisja
liebsa b'ilbies tal-għawm?
X'jimporta li nqaċċat,
l-aqwa li din il-moda,
u l-moda, hi tikkmanda,
u jien nobdiha,
jekk le, inħossni
qed nonqos.
Evviva l-moda!!!



"Jien anke jekk ikolli nissallab,
lil binti nagħmlilha tieġ mill-aqwa!
Libsa mill-ifjen, deheb u djamanti jleqqu;
knisja mżejna,
mixgħula għall-okkażjoni.
Tnax il-qassis nistieden
biex jikkonċelebrawlha.
U kant u mużika:
ma rridx naf, din hi ta' darba!
Riċeviment li jibqa' jissemma;
nistieden lil kulħadd:
lill-ħbieb, ħalli nistmahom,
lil min jobgħodni,
biex narah jinfuska ġewwa fih;
Avolja żewġi dendel il-geddum;
u qalli li dan mhux sew:
dak fejn jifhem,
dak raġel u l-irġiel f'dil-ħaġa
ma jifhmu xejn.
Nissellef u nissellef,
anke jekk naf li nibqa' nħallas
bin-nifs għal għaxar snin;
x'jimporta: hekk qed jagħmel ħaddieħor,
u binti mhix agħar minn ħaddieħor...
Dik il-moda! U trid timxi mal-moda!!!
Mhux hekk!?!"

"Jien ibni se jġenninni!
Irid jitlaq u jgħix għalih!
Iridni nikrilu flat
ċavetta nagħtih,
u nħallih igħix għal rasu.
Irid il-libertà,
qal,
qegħdin inxekkluh
kemm jiena u kemm ommu,
u anke ħutu l-oħra,
jarahom bħala xkiel;
u jrid igħix bħal sħabu,
waħdu, sid tiegħu nnifsu,
ħalli jdaħħal lil min irid,



u jgħix kif irid,
u jagħmel li jrid;
kellimtu bil-ħlewwa,
u ma wasalna mkien...
żammejtlu iebes,
iżda ma ċċaqlaqx...
bkejtlu, għajjarni baħnan!
għajjatt miegħu, sejjaħli miġnun!
insista, li hu għandu dritt,
ried jgħix bħal sħabu l-oħra,
u meta tkellimt ma' ħabib tiegħi,
biex faraġ insib,
it-tweġiba li tani webbsitni:
"U tgħaġġibhiex! Illum hekk il-mod

Qallibt il-gazzetta,
u nħossni tbellaht.
Fi tmien paġni
kont qrajt tnax-il każ
ta' serq,
ta' stupru,
ta' ġlied,
ta' korruzzjoni
ta' sewqan bla ebda rażan...
Imma kif?
dan kollu sar mill-bieraħ
sal-lum...
erbgħa u għoxrin siegħa,
ġo gżira daqs skoll,
mimlija bin-nies li jgħidu li
huma ta' Kristu;
ġo gżira magħrufa
għall-imħabba li għandha
mal-frustier...
U bżajt,
u għidt: aħjar nitlaq,
insiefer,
f'art oħra mmur...
iżda dak li qaltli l-ġara
ġabni f'sensija:
"Id-dinja pajjiż wieħed,
u dak li jsir hawnhekk
isir hemmhekk,
bħalma kull ħaġa li ssir 'il bogħod,
isseħħ hawnhekk ukoll".
U temmet kliemha billi qaltli:
"Dik hi l-moda, illum!"

Inħossni ma nafx x'ser naqbad
naħseb;
Inħossni b'qalb maqtugħa sew!
Possibbli din tweġiba,
li lkoll jgħidulek:
Din hi l-moda!!!???

O Ommi Marija,
Tama tiegħi u ommi l-għażiża:
x'ser nagħmel?
x'ser naħseb?
x'ser ngħid?

Weġbitni Marija,
l-Omm tiegħi u t-tama tiegħi:
u b'leħen ċar,
dirett,
u bi tbissima,
smajtha ttennili:

"Ibni, din hi l-moda
fiż-żmien ta' llum,
bħalma kienet il-moda
fl-imgħoddi,
u fl-ibgħad żmenijiet.
In-nisrani jaqta' qalbu
u dan ma għandux ikun.
Tħallix l-irwiefen
imdaħħna jċaqalquk pulzier
ħallihom jonfħu,
żomm sod,
tibża' xejn....
ħares lejn palma,
kif tinżel titbaxxa
u ddur
kull darba li r-riħ jonfoħ fuqha.
U taħsbu se jkissirha,
U taħsbu se joħroġ rebbieħ,
U taħsbu se jkanta vittorja,
iżda wara ftit
tmurlu l-arja kollha,
u jilheġ jispiċċa bla nifs...
u jieqaf, jintemm
u l-palma, għaqli
terġa' 'l fuq terfa' rasha
u titla' tisserdaq,
u tifrex il-weraq
biex bewsa jisiltu
mill-ikħal tas-sema.

Hekk int għażiż ibni,
żomm sod, tibża' xejn:
Hemm jien u hemm Ibni
qegħdin inħarsuk
aħna t-tnejn,
għax, ħalli ngħidlek,
din hi l-moda
ta' ibni u tiegħi,
li nħobbu u ngħinu,
li nwennsu u nsaħħu.
Għalhekk,
tibża' xejn.



Hu veru,
li l-moda tal-ilbiesi
tħallini mregħxa;

Hu veru li nistħi
inħares lejn tant tfajliet
u nisa miżżewġa,
li jilbsu lbies li
jiżra' l-ħażen
u jtella' s-sikrana
fil-għalqa li b'tant għaqal
ħawwel dak Ibni Ġesù.

Hu veru li nibki,
meta nara tant skandli
jeqirdu l-paċi
minn qlub iċ-ċkejknin;

Hu veru li qalbi tuġgħani
kull darba li
nara nuqqas ta' għaqal fl-infieq,
u nibki fis-skiet
meta nara d-dejn jitla'
b'kapriċċ, minħabba
nuqqas ta' għaqal
ta' bosta bnedmin.

Hu veru li nolfoq
meta nilmaħ tant żgħażagħ
jgħixu bla rażan
bla irbit, bla kontroll
fi flat ma' żgħażagħ oħra,
u jibilgħu l-qerda
tagħhom ilkoll.

Iżda kif għidtlek:
kuraġġ...
Hemm moda ohra
sabiħa,
qaddisa,
ħafifa
ma tiswa l-anqas sold.

U ħafna huma dawk
li jħaddnuha
u jimxu warajha
u kollhom ferħana
jroddu ħajr lili
u lil Ibni
talli fina sabu
il-ferħ,
il-gost,
is-serħan.

Hi l-moda
tal-gruppi,
li jitolbu flimkien;
li jaqsmu
dak kollu li jgħaddi
minn għalihom.
hi l-moda,
li tagħti skop
lill-ħajja li qed jgħixu.
Hi l-moda,
li tagħti gost
lili
u lil ibni Ġesù.
Imxi magħha int ukoll
u ħajjar oħrajn,
ghax fl-aħħar mill-aħħar
DIN HI L-MODA.



# L-EWWEL VIŻTA PASTORALI FIL-KAPPELLA TA' PINU WARA LI TKELLM



Karmni Grima

Kważi mitt sena ilu, nhar il-11 ta' Frar, 1889, il-Patri Agostinjan Ġwanni Marija Camilleri laħaq ir-raba' Isqof ta' Għawdex. Fl-24 ta' Frar kien ordnat Isqof Ruma stess u nhar it-12 ta' Mejju, 1889, huwa għamel l-Ingress Solenni fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Ftit xhur wara hu beda l-ewwel Viżta Pastorali fl-istess Knisja Katidrali. Nhar l-24 ta' Novembru, 1889, hu żar il-kappella tal-Madonna ta' Pinu, kappella li, minn waħda kważi minsija, kienet saret fi ftit snin iċ ċentru ta' ħafna devozzjoni. Din l-ewwel Viżta Pastorali fil-kappella wara li Karmni Grima kienet semgħet il-Madonna tkellimha hi ta' importanza kbira fl-istorja tas-Santwarju li nispera ħafna li ġurnata għad tkun miktuba fid-dettal.

It-tagħrif kollu ta' hawn taħt hu meħud mir-rapport uffiċjali ta' din il-Viżta li tinsab merfugħa fl-AEG, l-Arkivju Veskovili ta' Għawdex, fis-sezzjoni tal-Viżti Pastorali, u r-rapport dwar Ta' Pinu jinsab minn paġni 43 sa 45.

**L-EWWEL MINSIJA, ISSA MFITTXIJA**

Il-Viżta fil-kappella bdiet fl-għaxra ta' filgħodu u, minkejja ċ-ċokon tal-kappella, damet sewwa sew siegħa. L-Isqof Camilleri kien akkumpanjat fost l-oħrajn mill-Arċipriet ta' l-Għarb, il-Kanonku Franġisk Saver Debrincat u mill-viċi-Rettur tal-kappella l-Kanonku Fakond Galea. Kien hemm sintendi wkoll il-Kanċillier tal-Viżta. Minkejja l-jum u l-ħin, il-kappella kienet kontinwament iffullata bin-nies.

L-Isqof Camilleri jinnota l-ewwelnett li l-Isqof Pietru Pace, li allura kien laħaq Arċisqof ta' Malta, ma kienx żar il-kappella fl-aħħar Viżta Pastorali tiegħu li kienet saret bejn l-1883 u l-1885. Dik il-ħabta, tant kienet f'kundizzjoni ħażina, li l-Isqof mhux biss ma ndenjax ruħu jżurha, iżda lanqas dehrlu li għandu jordna li jsirulha xi tiswijiet. Kienet **clausa et derelicta,** magħluqa u abbundata minn kulħadd, u l-Isqof mannies ta' l-inħawi kienu qishom qed jistennew li tagħmel xi maltempata qalila u twaqqagħha u tintesa darba għal dejjem.

U verament ftit li xejn kien baqa' bżonnhal Nhar l-10 ta' Ottubru, 1852, fl-inħawi kienet infetħet u tbierket kappella l-ġmiel tagħha, il-kappella ta' San Publiju li kienet qed taqdi tajjeb ħafna l-ħtiġijiet tal-komunità ta' Għammar. L Isqof żar din il-kappella qabel ta' Pinu.

Iżda minn tliet snin 'l hawn, ighidilna l-Isqof, il-folja nqalbet: din il-kappella żgħira nfetħet għall-qima tal-pubbliku. Fiha bdew



L-E.T Mons. G.M. Camilleri

# ET IL-MADONNA

*Kitba ta'*
**DUN JOE BEZZINA**

jiġu nies mhux biss mill-irħula kollha ta' Għawdex, iżda wkoll Malta u saħansitra minn postijiet 'il barra mix-xtut tagħna. U kulħadd kien qed igħid kemm qala' grazzji temporali u spiritwali mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu.

**MESSAĠĠ GĦAT-TALB**

X'kien ġara f'daqqa waħda? "Jidhirli, igħidilna l-Isqof, li għandi nniżżel fl-atti ta' din il-Viżta l-ġrajja li ġabet din it-tibdila". Hekk x'kiteb l-Isqof. **Jingħad , li mix-xbiha devota u antika tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema li tinsab f'din in-naqra ta' kappella, waħda xebba twajba semgħet stedina misterjuża.**



Il-kappella ta' Pinu l-antika


Hac visitatione absoluta, Excmus Dnus Epus receptus fuit a supra laudato Archip. Debrincat in domo vicerectoris Can. Jacundi Galea sanctuarii B.M. V. in coelum assumptae vulgo "ta Pinu" ad quod post brevem requiem pervenit. In praecedenti S. Visitatione a Revmo et Exmo Dno Epo D Petro Pace ab anno 1883 ad annum 1885 usque peracta nulla mentio fit de ista ecclesia ta Pinu; quia clausa et derelicta erat: ob id supra laudatus Epus nil existimavit jubere ad decus istius aedis. Ab hinc

Visitatio Ecclesiae BVM "ta' Pinu"

**Silta mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Camilleri**

U x'kien il-messaġġ? Sempliċi ħafna: **Stedina misterjuża biex iżżur il-kappella iktar ta' spiss u titlob quddiem ix-xbieha.** Ebda messaġġ speċjali, iżda messaġġ importanti ħafna: stedina għat-talb!

## FEJQAN BLA MISTENNI

Fil-bidu, jagħtina x'nifhmu l-Isqof, ma sar xejn. Iżda mbagħad mara mill-Għarb, li kienet magħdura ħafna u li kienet waslet fl-aħħar, qalgħet fejqan bla mistenni wara li rrikorriet għand il-Madonna ta' Pinu. U minn dak inhar, **ingens multitudo**, folol kbar ta' nies, inġibdu lejn il-kappella.

## PELLEGRINAĠĠI LEJL U NHAR

B'devozzjoni kbira, bdew jersqu lejn il-kappella serbut ta' nies bla waqfien, pellegrinaġġ wara l-ieħor minn Għawdex u minn Malta. It-triqat li jwasslu għall-kappella huma dejjem mimlija bin-nies. Lejl u nhar b'qima u devozzjoni qed jersqu jitolbu 'l Madonna.

Jekk xi ħadd għandu xi dubju dwar din il-qima u d-devozzjoni, donnu jrid igħidilna l-Isqof, basta jersaq fl-inħawi, jidħol sal-kappella u jara d-devoti mixħuta quddiem l-artal tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. Jixhed ukoll dan kollu l-magazin bit-taljan **Il Messaggiere di Maria**, li allura kellu bħala editur lill-imsemmi Kanċillier tal-Viżta, il-Kan. Mikelangelo Farrugia. Jixhduh, ikompli l-Isqof, in-numru li ma jingħadx ta' offerti votivi li jinsabu mdendla fil-kappella. Jixhduh il-ħafna oġġetti għaċ-ċerimonji liturġiċi li ngħataw lill-kappella; qabel ma kellha xejn, issa ma jonqosha xejn. U m'għandhiex biss ħwejjeġ li jqumu ftit flus, iżda wkoll oġġetti ta' valur kbir. L-Isqof ordna lil Dun Fakond ħalli jagħmel inventarju tal-oġġetti kollha li kienu ngħataw lill-kappella minn meta reġgħet infetħet għall-qima tal-pubbliku.

## IL-VIŻTA PROPRJA

Wara li ngħata dan it-tagħrif, għandna rapport tal-Viżta proprja. L-Isqof ma kellux f'hiex jinfixel. Kienet kappella żgħira ħafna. Daħal fil-kappella u wara talba qasira libes alba, stola u velmural, tela' fuq l-artal u ta l-Barka Sagramentali. Imbagħad daħal fis-sagristija ċkejkna li kien hemm mal-kappella u beda jara l-oġġetti kollha.

L-Isqof ordna dawn il-ħwejjeġ: (1) li t-tabernaklu jiġi mfannad biex ikun possibbli li jitpoġġew fih żewġ pissidi; (2) li l-missal, l-albi u t-tvalji tal-artal qodma jiġu mibdula; (3) li jsir immedjatament l-inventarju tal-oġġetti kollha tal-kappella u tal-għotjiet tad-devoti; (4) li tinxtara kaxxaforti ħalli fiha jkunu jistgħu jitpoġġew l-oġġetti kollha tad-deheb u l-fidda bħala ħarsien kontra l-ħallelin; (5) li titkabbar kemmxejn is-sagristija; (6) li mill-għotjiet tal-fidili jsiru diversi abiti sagri meħtieġa għas-sagrifiċċju tal-quddiesa; u (7) li jagħmlu attenzjoni li l-ostji u l-inbid użati fil-quddiesa jkunu skond kif titlob il-liturġija.

Dan hu t-tagħrif interessanti li ħallielna fl-ewwel Viżta Pastorali tiegħu f'ta' Pinu l-Isqof Camilleri, l-Isqof li kellu jara l-kappella żgħira tal-Madonna tikber f'Santwarju mill-isbaħ.



# Tfal Thobbuha lill-Madonna?

(**ANTON FARRUGIA** *jkellem lit-tfal devoti tal-Madonna*)

Tfal, f'din il-paġna dejjem nipprova niktbilkom tagħrif Marjan li, barra li jkun interessanti, x'aktarx li intom jew li qatt ma tkunu smajtuh qabel, jew li jekk tkunu smajtu bih, forsi ma tkunux irriflettejtu biżżejjed fuqu.

Ara din....

## DIN KONTU TAFUHA?

Xi 43 sena ilu, il-belt ta' Hiroshima ġiet meqruda bl-ewwel bomba atomika. Sa mil 'il bogħod, dawra mejt, mill-post fejn splodiet il-bomba, kollox inqered u n-nies u l-bhejjem kollha mietu. B'eċċezzjoni waħda: kien hemm dar b'16 il-persuna li ma ġralhom xejn. Din id-dar kienet imbegħda biss 8 blokki mill-post fejn splodiet il-bomba.

·Wieħed minn dawk is-16 il-persuna illum għadu jgħix u hu qassis, Father Hubert Schiffer. Fr. Hubert qal, li matul is-snin wara l-isplużjoni tal-bomba, mijiet ta' esperti u 'investigaturi' marru jżuru din id-dar tagħhom li ma waqgħetx biex jaraw x'seta' kellha dik il-binja biex baqgħet wieqfa, sofriet biss ħsarat żgħar. Riedu jkunu jafu ukoll kif il-familja Schiffer baqgħet ħajja u ħelsitha mill-'blast' u s-sħana terribbli li kkaġunat dik l-ewwel bomba atomika.

L-esperti u l-istudjużi ma setgħu jsibu xejn speċjali li minħabba f'hekk id-dar u ta' ġo fiha ħelsuha mill-qerda ta' dak il-jum terribbli. Imma isimgħu x'igħid u x'ħalla miktub l-istess Father Hubert Schiffer. Igħid hekk:

"F'DIK ID-DAR TAGĦNA, IR-RUŻARJU MAL-FAMILJA KIEN JINGĦAD KULJUM. F'DIK ID-DAR TAGĦNA, IL-FAMILJA TIEGĦI KIENET TGĦIX IL-MESSAĠĠ TAL-MADONNA".

## IL-MADONNA U L-MODA

Bosta drabi, fl-Iskrittura Mqaddsa, insibu twissijiet biex in-nisa jilbsu deċenti u bil-modestja. Saħansitra fl-Antik Testment insibu li hija 'ħaġa ta' stmerrija quddiem Alla' li mara tilbes l-ilbies ta' raġel. (Dewt. 22:5). San Pawl, imbagħad, iwissi mhux anqas minn tliet darbiet dwar il-modestja fl-ilbies tal-mara.

Kull darba li dehret il-Madonna (Guadalupa, La Salette, Knock, Lourdes, Fatima, eċċ.), il-Verġni Mbierka dejjem dehret liebsa bi lbies tabilħaqq modest. Qatt ma dehret liebsa skond il-moda ta' l-ilbies li tkun 'in voga' fiż-żmien meta dehret! Nisimgħu x'qalet il-Madonna stess meta dehret lit-tfal ta' Fatima:

"Għad jinbtu ċerti modi li joffendu bla qies lis-Sinjur tagħna. Aktar erwieħ imorru l-infern minħabba d-dnubiet tal-ġisem milli għal xi raġuni oħra."

Il-fatt li Alla ried li l-Madonna tidher ġewwa Fatima u tagħmel twissija hekk serja kontra l-ilbies indiċenti, dan juri kemm din il-kwistjoni tal-'moda' hija ħaġa serja quddiem għajnejn Alla l-Imbierek!



# *TAMA u FARAĠ*

*Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani*

# SEMMAGĦLI LEĦNEK, URINI WIĊĊEK

Fix-xahar ta' Mejju, li fil-bidu tiegħu jibdew l-Erbgħat ta' Santa Marija, ħafna nies jibdew ġejjin lejn "Ta' Pinu" biex jibdew dawn id-devozzjonijiet li jwasslu għall-festa ta' Santa Marija. Jixraq li wieħed iħares dawn id-devozzjonijiet tal-Post b'iktar impenn mis-soltu minħabba li din is-sena hi ddedikata lill-Madonna.

Fl-ewwel waħda minn dawn il-15-il Erbgħa ftakart fikom, għeżież anzjani u morda devoti tal-Madonna. Jien żgur li intom kontu tagħmlu l-almu tagħkom biex tiġu fis-Santwarju żżuru lill-Madonna li kellkom tkunu tifilħu. Dan ma hux possibbli għalikom u għalhekk forsi ħassejtukom imdejqa li ma stajtux tiġu u twieġbu għall-messaġġ tal-Madonna li permezz ta' Carmela Grima qed issejħilna "EJJA, EJJA".

Wieħed tajjeb iżomm f'moħħu li jekk ma jistax jiġi jżur lill-Madonna f'Ta' Pinu, il-Madonna qed tiġi żżuru hi b'għamliet oħra, fosthom permezz ta' din ir-rivista, li ġiet f'idejk. Għalkemm dan il-post "Ta' Pinu" fih sejħa speċjali biex wieħed jaqla' minnu l-għajnuna għal ruħu u ġismu dan ma jfissirx b'daqshekk li wieħed ma jistax ukoll isib din l-għajnuna minn fejn isib ruħu fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja. Wieħed, lil Alla jista' jsibu kullimkien u f'kull ċirkustanza tal-ħajja. Hekk ukoll lill-Omm tagħna tas-sema nistgħu narawha u nwieġbu għas-sejħat ħelwin tagħha minn l-ibgħad trufijiet tad-dinja.

Niġu fi tmiem il-messaġġ tagħna gnal din il-ħarġa ta' Mejju/Ġunju. Ġunju jġibilna miegħu ta' kull sena t-tifkira għażiża tas-sejħa tal-Madonna f'pajjiżna. Dak il-leħen li nstema' 105 snin ilu għadu sal-lum jidwi fil-qlub u l-kuxjenzi ta' ħafna fostna b'diversi metodi ta' komunikazzjoni divina. Is-sejħa "Ejja, Ejja", f'din is-Sena Marjana jixraq li ssib tweġiba aktar fonda biex b'talbna nqimu lill-Madonna bit-tama tal-ġenna fejn hi diġà tinsab bir-ruħ u bil-ġisem.

"Semmagħli leħnek, urini wiċċek għax sabiħ leħnek u ħelu wiċċek".

**DUN ĠUŻEPP CINI.**



# Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba

*minn*

**Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv.**

## Marija: Il-Medjatriċi

Marija Verġni hija l-Medjatriċi tal-grazzji kollha; il-ġid kollu, spiritwali u temporali, li mis-Sema jinżel fuq l-art, jaslilna permezz ta' Marija Verġni, Omm Sidna Ġesù Kristu, ir-Reġina tas-Sema u ta' l-art, ta' l-anġli u tal-Qaddisin, l-isbaħ u l-ogħla u l-eqdes kreatura. Ir-raġuni ta' dan itihielna San Bernard: "**Din hi r-rieda ta' Dak li ried li aħna jkollna kollox permezz ta' Marija**" **(In Nativ. B.V.M., 7, PL** 183, 441).

**MEDJATRIĊI GĦAX OMM ALLA:**

Il-Medjazzjoni ta' Marija hija mibnija, bħalma hu mibni kull privileġġ ieħor Tagħha, fuq il-Maternità divina Tagħha: Marija hija Medjatriċi għax hija Omm Ġesù Kristu, Omm l-Iben ta' Alla li sar bniedem. Fl-istess ħin li Hija saret Omm l-Iben ta' Alla, saret ukoll il-Medjatriċi bejn Ġesù Kristu u l-bnedmin, bejn is-Sema u l-art. Għall-'**Fiat**' Tagħha, cioè għat-tweġiba Tagħha lill-anġlu, hemm f'Nazaret, l-Iben ta' Alla sar bniedem, tnissel u ssawwar fiHa u minnHa; sar il-'frott' ta' ġufHa. Hekk l-Iben ta' Alla lill-umanità tagħna għamilha wkoll Tiegħu, għal dejjem, u għolliha sad-divinità Tiegħu. Hawn f'Marija nsibu l-għaqda bejn żewġ dinjiet infinitament imbegħda minn xulxin; is-Sema u l-art; insibu fiHa l-ħbiberija sħiħa u eterna bejn Alla u l-bniedem flimkien magħqudin fil-Persuna divina tal-Verb Etern; l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, Ġesù Kristu.

**MEDJAZZJONI WAĦDA:**

Marija hija l-Medjatriċi tagħna għax tatna l-Medjatur, li effettivament Hu li ħabbeb 'l Alla mal-bniedem, Hu li għaqqad is Sema ma' l-art: Ġesù Kristu, veru Alla u veru Bniedem, l-eqdes frott tas-Sema u l-isbaħ frott ta' artna. Hija Marija l-Medjatriċi tal-Medjatur. Il-Medjazzjoni ta' Marija għandha l-egħruq u l qawwa tagħha proprju fil-Medjazzjoni ta' Kristu; għalhekk il-Medjazzjoni Tagħha dejjem titħaddem fil-Medjazzjoni ta' Binha, Ġesù Kristu; tassew, fil-Medjazzjoni ta' Kristu, il-Medjazzjoni ta' Marija ssib l-essenza u l-

eżistenza tagħha. Minn hawn jidher li l-Medjazzjoni ta' Marija u l-Medjazzjoni ta' Kristu huma Medjazzjoni waħda; jifformaw realtà waħda: ir-realtà tal-Fidwa. Għalhekk, m'għandniex żewġ Medjaturi, mifrudin minn xulxin; anqas għandna żewġ Medjazzjonijiet paralleli, qishom żewġ ċrlekl; imma għandna Medjazzjoni waħda, bħal ċirku wieħed: Ġesù huwa ċ-ċentru u Marija ċ-ċirkumferenza: dak li joħroġ miċ-ċirku jrid jgħaddi miċ-ċirkumferenza. Hekk, il-grazzji kollha joħorġu minn Ġesù Kristu, l-Għajn u l-Awtur tagħhom, u jaslu għandna permezz ta' Marija. Bħalma d-dawl tal-qamar ġej mid-dawl tax-xemx, hekk ukoll il-Medjazzjoni ta' Marija ġejja minn dik ta' Binha, Ġesù Kristu. Ġesù u Marija dejjem ħadmu u dejjem jaħdmu flimkien għall-fidwa u għall-qdusija tagħna: Ġesù bħala l-kawża prinċipali, u Marija bħala s-sieħba Tiegħu; Ġesù, Adam il-ġdid, u Marija, Eva l-ġdida; Adam u Eva flimkien insibuhom fit-telfien tagħna, u flimkien ukoll insibuhom Adam il-ġdid u Eva l-ġdida fil-ħelsien tagħna. U kif l-ewwel Eva wilditna fil-mewt, Marija, Eva l-ġdida, wilditna fil-ħajja, cioè fil-grazzja, f'BinHa! F'dan is-sens Marija hija essenzjalment Medjatriċi; hija Medjatriċi tal-ħajja, għax hija Omm Dak li hu l-Ħajja: Ġesù Kristu (ara: **Ġov.** 14, 6).

Hekk igħallimna l-Konċilju Vatikan II, fil-'**Lumen Gentium**': "Wieħed biss hu medjatur skond il-kliem ta' l-Appostlu: 'Ma hemmx ħlief Alla wieħed, wieħed biss hu l-Medjatur bejn Alla u l-bnedmin, il-bniedem Kristu Ġesù, li għal kulħadd ta lilu nnifsu bħala rahan' (1 Tim 2, 5-6). Il-ħidma materna ta' Marija lejn il-bnedmin bl-ebda mod ma ddallam jew tnaqqas din il-medjazzjoni unika ta' Kristu, iżda turi kemm tiswa. Għaliex kull għajnuna ta' influwenza tal-Verġni Mbierka lejn il-bnedmin, ma tqumx minn bżonn, imma mir-rieda t'Alla u toħroġ mill-merti sovrabbondanti ta' Kristu, tibbaża fuq il-medjazzjoni Tiegħu, minnu biss tiddependi u tiġbed il-frott tagħha; ma tnaqqas xejn il-kuntatt ta' dawk li jemmnu fi Kristu, iżda tagħmlu aktar ħafif". (n. 60).

**MEDJATRIĊI GĦAX OMMNA:**

Marija hija l-Omm spiritwali tagħna. Issa, fejn hemm il-ħajja, kull għamla ta' ħajja, dejjem irid ikun hemm l-omm; għalhekk, il-ħajja naturali titlob ħdejha l-omm naturali; hekk ukoll il-ħajja soprannaturali, il-ħajja nisranija, titlob l-omm spiritwali; u din l-Omm spiritwali hija Marija Verġni: Omm il-grazzja divina! Kif permezz ta' Marija, l-Iben t'Alla sar bniedem, sar "**ħuna l-kbir**" (**Rum** 8, 29; ara: **Gal.** 4,4); hekk ukoll permezz ta' Marija aħna sirna nsara, sirna cioè l-aħwa ta' Ġesù; Miegħu aħna nifformaw ġisem wieħed, il-Ġisem Mistiku, il-Knisja: Hu r-Ras u aħna l-membri l-oħra. F'Marija u minn Marija l-Ispirtu s-Santu sawwar u fforma għal Iben ta' Alla l-Ġisem fiżiku; u f'Marija u minn Marija wkoll Huwa jifforma għal Iben ta' Alla l-Ġisem Mistiku, il-Knisja, umanità ġdida. Forsi mhix Marija din l-umanità ġdida, ir-rappreżentanta tal-bnedmin kollha, l-ideal ta' Israel tal-qedem, u l-mudell u l-milja ta' Israel il-ġdid: il-Knisja? Permezz ta' Marija, Ġesù jersaq lejna, u permezz Tagħha wkoll li aħna nersqu lejn Ġesù. Il-missjoni ta' Marija hija dejjem missjoni materna; Hija dejjem trid tifforma fina l-Ewwel Iben Tagħha: Ġesù Kristu. U l-omm, kull omm, l-iżjed din l-Omm, qatt ma tifred, imma dejjem tgħaqqad u tħabbeb.

**MEDJAZZJONI UNIVERSALI:**

Marija hija l-Medjatriċi tal-grazzji kollha. Għaliex? Sempliċement għax Hija li tatna l-ewwel u l-aqwa u l-akbar grazzja; tatna l-grazzja ta' l-Inkarnazzjoni, il-kawża prinċipali ta' kull grazzja; tatna 'l Ġesù Kristu, l-Awtur ta' kull grazzja!

Nistgħu ngħidu li l-grazzji kollha li jaslulna, jagħmlu din il-mixja; joħorġu minn idejn Alla, jirċivihom Ġesù Kristu, minn Ġesù jgħaddu għal idejn Marija u Din, b'manjiera ta' l-għaġeb, tgħaddihom lilna. Din il-Medjazzjoni ta' Marija bdiet sa mill-eternità, għax sa mill-eternità Alla ried li Ibnu jsir bniedem permezz ta' Marija. Alla bi ħsieb wieħed, b'rieda waħda, bl-istess digriet għaqqad l-Umanità, Ibnu mal-Maternità ta' Marija Verġni. Għalhekk din il-Medjazzjoni ta' Marija bdiet qabel ma nħolqu l-anġli, qabel ma nħoloq Adam; u tibqa' titħaddem din il-Medjazzjoni sakemm Alla jkun kollox f'kulħadd. Dak l-innu sublimi li San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-



Kolossin (1, 15-20), igħanni lil Ġesù Kristu, nistgħu aħna wkoll ngħannuh lil Marija Verġni. Għax tassew, it-Tnejn huma x-xbieha ta' Alla, il-kbar fost il-ħlejjaq kollha, fiHom kien maħluq kollox; kollox biHom u għaliHom kien maħluq; Huma qabel kollox, u kollox fiHom qiegħed iżomm; Huma l-ewwel f'kollox; u biHom Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu. Bid-demm ta' Kristu u bid-dmugħ ta' Marija, imxerred fuq il-Kalvarju, Alla ġieb is-sliem permezz Tagħhom fis-sema u fl-art.

Għedna li dan l-innu ta' San Pawl igħodd ukoll għal Marija Verġni, però b'din id-differenza: **prinċipalment** igħodd għal Kristu, waqt li għal Marija jgħodd **sekondarjament**, fis-sens cioè li Marija hija dejjem is-sieħba ta' Kristu, anzi Omm Kristu. Għax ma nistgħu qatt nifirduHom minn xulxin: lil Kristu u lil Marija; hekk riedHOm Alla: dejjem flimkien; flimkien fil-ħsieb etern Tiegħu, u flimkien għalhekk fit-twettiq ta' dan il-ħsieb divin. U din hija r-raġuni li lil Ġesù u lil Marija nsibuHom flimkien fil-bidu taż-żmien, hemm fl-Eden, fl-ewwel u fl-aqwa profezija ta' Alla (**Ġenesi** 15), flimkien insibuHom fil-milja taż-żmien, hemm f'Nazaret (**Luqa** 1, 26-38), u flimkien ukoll insibuHom fit-tmiem, fil-milja ta' kollox (**Apokalissi** 12, 1).

Il-Medjazzjoni ta' Marija tħaddan għalhekk il-grazzji kollha, u tinfirex ukoll fuq il-bnedmin kollha flimkien u fuq kull wieħed minnhom; ukoll fuq dawk li għexu qabilHa. U l-anġli wkoll jidħlu f'din il-Medjazzjoni ta' Marija. Forsi mhux għalhekk hija r-Reġina tagħhom? Kull kreatura li hawn fuq l-art u li hemm fil-Purgatorju u fil-Ġenna tħoss it-tjubija u s-sħana ta' din il-Medjazzjoni; għax minn idejn ir-Reġina tas-Sema u ta' l-art ma jistgħux ma joħorġux raġġi ta' dawl u ta' qdusija; Hi li tagħti l-grazzji lil **min** trid, **meta** trid, **kemm** trid u **kif** trid!

## IL-MEDJAZZJONI TA' MARIJA U L-VANĠELU:

F'ħafna naħat tal-Vanġelu tidher b'manjiera ċara din il-Medjazzjoni ta' Marija; dejjem narawHa lil Marija bħala s-sieħba fidila ta' BinHa fil-missjoni salvifika Tiegħu. Difatti, permezz ta' Marija, Ġesù qaddes u għamlu prekursur Tiegħu lil Ġovanni, moħbi fi ħdan ommu Elizabetta (**Lq** 1, 39-41); kienet Hi li lir-ragħajja ta' Betlem uriethom lil BinHa, Ġesù, imfisqi u mimdud fil-maxtura (**Lq** 2, 15-17); kienet Hi li lis-Slaten Maġi tathom lil Ġesù, u kienet Hi wkoll li rċiviet minn għandhom ir-rigali li huma offrew lil BinHa (**Mt** 2, 11). Kienet Marija li poġġiet f'dirgħajn ix-xwejjaħ qaddis Xmun, hemm fit-Tempju, lil Dak li hu "d-dawl tal-ġnus u s-sebħ ta' Israel" (ara: **Lq** 2, 25-35). Mhux Hi, dejjem imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, li tatna fit-Tieġ ta' Kana lil BinHa? Hawn Hi wasslet is-siegħa Tiegħu, li hija wkoll is-siegħa tagħna; Hi li daħħlitu fil-ħajja pubblika Tiegħu (ara: **Ġov**. 2, 1-11). U mhux Hi wkoll kienet li, fuq il-Kalvarju, bħala Eva l-ġdida, għenitu lil Binha Ġesù, Adam il-ġdid, joffri 'l Alla s-sagrifiċċju etern Tiegħu għall-fidwa tagħna? (**Ġov** 19, 25-27). U m'għandna qatt ninsew il-preżenza ta' Marija, dejjem attiva għax dejjem hija preżenza materna, hemm fiċ-Ċenaklu fl-ewwel Pentekoste nisrani fost ġemgħa ta' 120 ruħ, kollha dixxipli ta' Ġesù BinHa;

kienet Hi li ġabrithom u ħeġġithom biex jilqgħu fihom l-Ispirtu s-Santu; hekk Dan seta' jifforma fihom u bihom, dejjem permezz Tagħha, Ġisem ġdid għal BinHa: il-Ġisem Mistiku, il-Knisja (ara: **Atti** 1, 14; 2, 1-4).

**L-ILĦNA TA' L-GĦORRIEF:**

Fost l-Għorrief tal-Knisja, l-iżjed li faħħru u għannew lil Marija bħala l-Medjatriċi tal-ħlejjaq kollha huma San Bernard, San Bonaventura u San Bernardinu ta' Siena; dawn lil Marija dejjem rawHa bħala "**bieb is-Sema**", il-"**kewkba ta' filgħodu**", il-"**kewkba tal-baħar**", is-"**sħaba li minnha tinżel fuqna xita ta' grazzji**", in-"**nifs u l-ħajja tan-nisrani**", l-"**għonq tal-Ġisem Mistiku**", il-"**qalb tal-Knisja**", l-"**għajn ta' kull grazzja**", it-"**Teżoriera ta' l-Ispirtu s-Santu**". JarawHa lil Marija bħala "**baħar kbir ta' l-imħabba ta' Alla**", ixxerred fuq kulħadd l-ilma tal-grazzja, ixxerrdu fuq il-pagani biex jikkonvertu, ixxerrdu fuq il-midinbin biex ibiddlu ħajjithom, fuq l-indifferenti biex jitħeġġu, fuq it-tajbin biex isiru qaddisin, u xxerrdu wkoll fuq l-anġli bħala li huma s-sudditi u l-ministri Tagħha (ara: **San Bernardin: 'De glorioso nomine Virginis Mariae, Sermi III**). Mhux għalxejn mela li San Bernard igħidilHa lil Marija: "**Għalhekk il-ġnus kollha jsejħulek imbierka, għax int għall-ġnus kollha nissilt il-ħajja u l-glorja. Fik it-tajbin isibu l-grazzja u l-midinbin isibu l-maħfra**" (**In festo Pentec., sermo 2**, n. 4; **PL** 183, 328).

**NILQGĦU LIL MARIJA:**

Il-Medjazzjoni ta' Marija hija għalina rigal kbir ta' Alla; tahielna Alla lil Marija bħala għajnuna, bħala mezz biex nistgħu aħna nersqu lejn Ibnu, biex nistgħu aħna nsibuH lil Ibnu, għax Ibnu huwa wkoll BinHa; għalhekk dan l-Iben huwa dejjem ħaġa waħda Magħha; fejn hemm Hi, hemm Hu, fi ħdanHa, dejjem lesta biex tatihulna bħala l-espressjoni ta' l-imħabba bla tarf li għandhom għalina Alla u Hi. Il-Medjazzjoni ta' Marija mhix ħlief il-Maternità divina fil-milja mistika tagħha; Marija trid tnissilna f'BinHa, u għalhekk Hi ma tifridniex minnU, imma tgħaqqadna Miegħu. U fi Kristu biss, fl-għaqda tagħna Miegħu, li Marija hija tassew l-Omm spiritwali tagħna!


## FAĊILITAJIET ATTRATTIVI GĦALL-'CAMPING'

**Dawk l-għaqdiet jew gruppi li jixtiequ jmorru 'Camping' f'Għawdex u jridu jagħmlu użu mill-faċilitajiet li joffri s-Santwarju ta' Pinu,**

*jirrikorru għand:*

**Ir-Rettur tas-Santwarju**

**MONS. BENEDITT CAMILLERI,**

**Tel. 556187.**

# TISLIMA LILL-VERĠNI MARIJA
## fl-okkażjoni tas-Sena Marjana 1987 - 1988

O Verġni Marija, int tassew:-

**Xempju** tal-Knisja li titlob: il-għaliex "Il-Verġni Marija...sieħbet it-talb tagħha ma' dak ta' l-Appostli u hekk saret ix-xbieha tal-Knisja titlob." (Pref. tal-quddiesa: Il-Verġni Marija, Xbieha u Omm il-Knisja).

**Għelm** tal-Knisja li tobdi: il-għaliex "Marija...hi Verġni li tobdi, tnissel fi ħdanha l-Iben t'Alla bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu." (Pref. quddiesa tal-Verġni Marija, Xbieha u Omm il-Knisja II.).

**Sinjal** tal-Knisja li tisma' l-Kelma t'Alla: il-għaliex "Marija hi Verġni li tisma'...bil-ferħ il-Kelma t'Alla u tgħożżha f'qalbha." (Pref. Quddiesa tal-Madonna, Xbieha u Omm il-Knisja II.).

**Sagrament** ta' l-Imħabba t'Alla għall-bnedmin: il-għaliex "Int...Verġni Marija, mera bla tebgħa tas-setgħa ta' Alla u xbieha tat-tieba tiegħu." (Għerf 7:26).

**Eżempju** ta' qima spiritwali fil-Knisja ta' Ibnek, il-għaliex "Fil-kobor bla qies tat-tieba tiegħek, Int, o Alla, tajt lill-Knisja...lill-Verġni Marija bħala eżempju ta' qima vera." (Pref. Quddiesa tal-Madonna, Xbieha u Omm il-Knisja II.).

**Mudell** għall-Knisja fil-qima liturġika li tingħata lil Alla: il-għaliex "Il-Verġni Marija, Omm Ġesù, hi xempju ta' dak is-sentiment ta' tieba li bih il-Knisja tiċċelebra l-misteru t'Alla u turihom f'ħajjitha." (Marialis Cultus, Pawlu VI).

**Xbieha** tal-fidi li l-Knisja tixtieq li jkollha; il-għaliex "Il-Verġni Marija daħħlet sewwa 'l ġewwa fil-ġrajja tas-salvazzjoni u ġabet b'xi mod u xandret il-veritajiet ewlenin tal-fidi." (Konċ. Vat. II: L.G. art. 65).

**Mera** għall-Knisja li trid timxi b'mod perfett wara Kristu: i-għaliex il-Verġni Marija tgħidilna: "Ejjew, uliedi, isimgħu lili, jiena l-biża' tal-Mulej ngħallimkom. Ejjew nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu." (Salm 33(34): 12: Is. 2:3).

**Ħabbara** ta' knisja li xxandar il-Bxara t-Tajba: il-għaliex Hija "Xmara li s-swieqi tagħha jferrħu l-belt t'Alla, l-għamara qaddisa ta' l-Għoli." (Salm 45 (46): 5).

**Garanzija** ta' Knisja li tippriedka bla waqfien ir-rikonċiljazzjoni: il-għaliex l-insara jgħidulha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-midinbin isejħulek ħanina, għax int kollok ħniena, tħenn għalina fil-miżerji tagħna." (Salm 114 (115): 8-9).

**Rebbiegħa** għall-Knisja li teħtieġ tiġdid bla waqfien: il-għaliex il-Verġni Marija tagħmlilhom din l-istedina: "Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma, ejjew ixtru u kulu b'xejn, inbid u ħalib bla ħlas." (Is. 55:1).

**Dawl** għall-Knisja li trid torjenta lill-bnedmin lejn is-Sema: il-għaliex il-Liturġija tfakkarha b'dawn il-kelmiet: "Is-Sliem għalik, Omm, id-dawl: int nissilt lil Kristu u sirt eżempju għall-Knisja Omm, li mill-ilma mhux mittiefes tal-Magħmudija tagħti twelid ġdid lill-ġnus li jemmnu." (Introjtu tal-Quddiesa, Marija, Għajn u Dawl tal-Ħajja).

**Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna.**

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**FRAR** *(ikompli)*

**24.** Sar pellegrinaġġ penitenzjali mill-parroċċa tal-Katidral fl-okkażjoni tar-Randan Imqaddes. Mexxa l-pellegrinaġġ l-Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna.

**28.** Il-kappillan Dun Mikiel Borg mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Lawrenz. Fis-Santwarju saret quddiesa u talb ieħor lill-Madonna.

Fl-istess jum wasal pellegrinaġġ ieħor mill-Qala. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Dun Lawrenz Theuma.

**MARZU:**

**5.** Il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta ltaqgħet fis-Santwarju u hemm żammet il-laqgħa tagħha ta' kull xahar. Saret quddiesa u wara nofs siegħa adorazzjoni.

**6.** L-Arċipriet Dun Alwiġ Vella mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Huwa stess mexxa Konċelebrazzjoni u talb ieħor fis-Santwarju.

**13.** L-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa tax-Xewkija. Dan sar fl-okkażjoni tar-Randan u fl-okkażjoni tas-Sena Marjana.

Fl-istess jum ġie organizzat ukoll pellegrinaġġ mill-Fergħa Ewkaristika tal-Marsa. Qaddes għall-pellegrini Patri Mikiel Agius OFM Cap. u wara saret Via Sagra mis-Santwarju għall-Għolja ta' Għammar.

**16.** Fl-okkażjoni tar-Randan l-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex organizzat pellegrinaġġ fuq bażi djoċesana għas-Santwarju ta' Pinu. Saret il-Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar u din tmexxiet minn Dun Karm Hili, Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan.

**19.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tax-Xagħra. Mexxa dan il-pellegrinaġġ penitenzjali l-Arċipriet Mons. Ewkaristiku Sultana.

Fl-istess jum il-K.D.A.L. organizza Laqgħa għall-irġiel u ġuvintur Għawdxin fis-Santwarju fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp. Mons. Isqof Cauchi qaddes u wassal lil dawk preżenti messaġġ ta' l-okkażjoni.

**20.** Il-Kappillan ta' l-Għasri, il-Kan. Dun Ġużepp Mintoff mexxa pellegrinaġġ penitenzjali mill-parroċċa tiegħu għas-Santwarju. Saret Ċelebrazzjoni Ewkaristiko-Marjana bil-Barka Sagramentali.

**22.** Sar pellegrinaġġ mill-Onorati Maltin għas-Santwarju. Fr. Maurice Eminyan qaddes għall-pellegrini fil-Kappella tal-Madonna.

**23.** Sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tas-Sena Marjana u fi tmiem l-Eżerċizzi tar-Randan. Saret Konċelebrazzjoni b'radd il-ħajr li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Salv Borg u li għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni.

**24** Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ organizzat Laqgħa Penitenzjali f'Ta' Pinu. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi introduċa din il-laqgħa

b'diskors qasir ta' l-okkażjoni u wara saret il-Via Sagra mis-Santwarju għall-Għolja ta' Għammar Numru sabiħ ta' Żgħażagħ mill-parroċċi kollha ta' Għawdex ħa sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni tar-Randan.

**25.** Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej. Matul il-jum kollu saret Katina ta' Talb permezz tat-Talba għażiża tar-Rużarju. Kull nofs siegħa ngħad ir-Rużarju b'intenzjonijiet speċjali. Ma' dawk li ġew biex igħidu r-Rużarju quddiem ix-Xbieha Mirakuluża tal-Madonna ta' Pinu ngħaqdu spiritwalment ukoll għadd kbir ta' Maltin u Għawdxin li minħabba xi raġuni jew oħra ma setgħux jiġu fis-Santwarju u minn ġewwa djarhom issieħbu wkoll f'dan l-Att ta' Tifħir lill-Verġni Mbierka.

Fl-istess jum sar ukoll pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Arċipriet Dun Alwiġ Vella. L-Arċipriet qaddes għall-parruċċani tiegħu u wara ngħad ukoll ir-Rużarju.

**27.** Sar pellegrinaġġ penitenzjali bil-mixi mill-parroċċa ta' Kerċem għas-Santwarju. Dan il-pellegrinaġġ li sar fl-okkażjoni tas-Sena Marjana tmexxa mill-Kappillan il-Kan. Dun Franġisk Debrincat li qaddes ukoll għall-pellegrini fis-Santwarju.

Fl-istess jum wasal ukoll pellegrinaġġ minn Malta. Mexxa dan il-pellegrinaġġ Dun Maurice Mifsud.

**28.** Dun Ġużepp Cini qaddes għal grupp ta' pellegrini anzjani mir-Rabat. Wara l-quddiesa sar ukoll xi talb lill-Madonna.

**29.** Il-Kappillan Deguara tal-Parroċċa ta' San Bastjan Ħal Qormi mexxa pellegrinaġġ penitenzjali għas-Santwarju ta' Pinu. Saret Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar u wara quddiesa fis-Santwarju.

**29.** Grupp ta' Onorati Maltin ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju. Huma ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fil-Kappella tal-Madonna.

**31.** Saret il-Funzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej. Mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Mons. Benedittu Camilleri, Rettur tas-Santwarju.

**APRIL:**

**1.** Mons. Rettur mexxa l-Funzjoni ta' l-Adorazzjoni tas-Salib fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**2.** Saret il-Funzjoni tal-Vġili ta' l-Għid li tmexxiet mir-Rettur Mons. Benedittu Camilleri. Għadd sabiħ tab nsara ħa sehem fil-funzjonijiet ta' l-Għid li saru fis-Santwarju.

**20.** Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika ġiet organizzata, fost attivitajiet oħra, funzjoni għall-morda u l-anzjani. Għadd ferm sabiħ ta' anzjani ħa sehem f'din iċ-Ċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Kan. Dun Mikiel Cauchi. Fil-messaġġ tiegħu għall-okkażjoni, il-Kan. Cauchi ħeġġeġ lill-morda u l-anzjani preżenti biex l-aktar permezz tat-talb tagħhom jibqgħu jaħdmu u jagħtu l-kontribut siewi tagħhom fi ħdan l-Azzjoni Kattolika.

## SANTWARJI MARJANI F'GHAWDEX

*(Jaqbad minn paġna 63)*

nadifa xammiema bħalma jafu jżommu nadif kull fejn hemm xi sorijiet.

Fl-1980, is-Sorijiet Franġiskani fakkru b'mod xieraq u dinjituż egħluq il-mitt sena (1880-1980) mit-twaqqif tal-Ordni Reliġjuż tagħhom. L-attivitajiet li saru lkoll kellhom bħala mira prinċipali l-promozzjoni ta' aktar vokazzjonijiet reliġjużi. Fil-fatt xi wħud mill-attivitajiet saru l-Katidral u fil-Bażilika ta' San Ġorġ. F'dawn il-festi li saru ħadu sehem bosta Isqfijiet barranin, fosthom il-Kardinal Cordeiro tal-Pakistan. F'dawn l-attivitajiet inxteħet dawl speċjali fuq l-ewwel Madre Ġenerali tagħhom, Madre Margarita minn Kerċem u fuq Dun Ġużepp Diacono li kien li ħadem bi sħiħ għat twaqqif ta' din il Kongregazzjoni.

Dan l-ewwel ċentinarju nżamm meta kienet Madre Ġenerali l-Madre Ines Gauci. Fil-preżent il-Madre Ġenerali hija Madre Bertilla Bartolo min-Nadur.

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



Mrs. P. Corker,
England.

Dear Father,

I wrote to you in February this year asking if you could say a mass for the nephew of a very good friend of mine. He was only 14 years of age and had a tumor which was malignant in his arm; they also found spots on his lungs which they said were secondaries and the doctors said it could only be a matter of time.

Shortly after receiving a reply to my letter from you, the child had another body scan, and much to everybody's delight, even the doctors, the spots on the lungs had just disappeared and the tumor in the arm ceased to grow, an operation was performed to remove the tumor and bone in the arm, and a new plastic bone was inserted. This was done six months ago and the child now is fit and well, although the hospital are keeping a close eye on him, they are sure he will now be alright much to their amazement.

Well maybe there is a medical reason for this sudden change in his prognosis, but I feel without praying to God through you and your church, and without his intervention, I may not have had the pleasure of writing this letter to you.

Please accept this small donation.

May God bless you for always.

**GĦAWDEX:**

Giovanna Sultana; Rosaria Galea; Karmena Stellini; Pinu Attard; Maria Rapa; Anna Mizzi; Salvina Bajada; Annetta Grima; Carmen Muscat; Ġużepp Formosa; Maria Attard; Ċetta Borg; Charlie Borg; Ġanna Camilleri; Mary Camilleri; Maria Debono; Toni Debono; M'Grace Gauci; Paul Vella; Sam Buttigieg; Joseph Cassar; Ġużeppa Schembri; M'Giovanna Grima; Carmen Muscat; Mary Buttigieg; Rita Borg; Maria Calleja; Franġisk Sultana; Ġuża Grima; Ġużeppa Cassar; Ġużeppa Gauci; Ġanni Grech; Rosa Attard; Tona Muscat; M'Anna Muscat; Mario Attard; Assunta Apap; Maria Tabone; Tony Muscat; Micheline Muscat; Salvu Attard; Pietru Muscat; Ġemma Sultana; Marija Vella; M'Anne Cauchi; Marija Apap; Salvu Spiteri; Marija Saliba; Kolina & John Azzopardi; Petronilla Formosa; Natalie Camilleri; Margaret Zerafa; Rina Calleja; Vincenza Vella; John Azzopardi; Carmel Saliba; Grezzju Camilleri; Rita Camilleri; Ġanni Muscat; Nancy Agius; Maria Borg;

Censa Said; Gina Borg; Joe Sacco; Tarċisja Muscat; Karmnu Muscat.

Carmela Vella; Maria Attard; M'Rose Cassar; Michael Grima; Maria Falzon; Joseph Camilleri; Marta Camilleri; Grezzja Said; Joseph Micallef; Toni Formosa; Ġużepp Vella; Reġina Theuma; Carmen Xuereb; Frankie Spiteri; Tereża Pace; Pinu Bugeja; John Azzopardi; John Cauchi; Carmelo Grech; Maria Cassar; Mary Mercieca; Rose Mercieca; Dolora Cauchi; Angelo Mizzi; Carmen Azzopardi; Carmen Cassar; Manwel Borg; John Xuereb; Maria Sciberras; Marija Vella; M'Ġwann Abela; Doris Vella; Stella Aquilina; Anna Mifsud; Jacqueline Bondin; Tereża Axiaq; Tessie Mercieca; Josephine Camilleri; Ċetta Farrugia; John Cauchi; Michelle Micallef; Kelina Azzopardi; Francis Magro; M'Ann Vella; M'Assunta Grima; Carmen Cassar; Marija Buttigieg; Tereża Zammit; Loreta Camilleri; Carmela Camilleri; Maria Buttigieg; Rita Attard; Mario Buttigieg; Frenċ Buttigieg; Pawlina Portelli; Ġolina Xerri; Anthony Saliba; Rita Tabone; Gregory Grech; Michael Galea; Maria Formosa; Carmel Le Provost; Godwin Cauchi; Nancy Camenzuli; Ġużepp Curmi; Loreta Axiaq; Odette Cordina; Maria Buttigieg; Spiru Fenech; Antida Attard; Rita Cassar; Ġemma Cini; Tona Zerafa; Ċeċilja Bajada; Victor Sultana; George Portelli; Josephine Tabone; Rita Vella; Maria Rapa; Lorenza Bajada; Franġiska Sultana; Marianna Sultana; Rita Sultana; Peter Paul Mifsud; Carmel Saliba.

Carol Spiteri; Marija Cini; Angela Cassar; Benna & Sam Camilleri; Ġuża & Leli Vella; Lora Vella; Joe Refalo; Michael Refalo; Grezzja Meilaq; Andrew Briffa; Rita Azzopardi; Ġuża Cauchi; Marlene Galea; Ġuża Grech; Leli Theuma; Maria Portelli; Miriam Camilleri; Ersilia Bigeni; Mary Camilleri; Frances Buttigieg; Elizabeth Cassar; Tereża Vella; Saviour Attard; Peter Meilak; Michael Xuereb; Jane Agius; M'Ann Bajada; Joe Tabone; Dolora Grech; Salvu Cefai; Carmel Cefai; Domenica Cauchi; Katerina Debrincat; Betty Debrincat.

**MALTA:**

Ronald F. Buhagiar; Francis Vella; Esther Falzon; Toni Bajada; Carmelo Ciangura; Carmelo Bonello; Joseph Carabott; Angelo Mifsud; Emma Frendo; Ġużeppi Aquilina; Spiru Zammit; Spiru Barbara; Alfred Borg; Marthese Spiteri; Paul Mercieca; Francis Fenech; Nata Azzopardi; Louis Aquilina; Katie Cutajar; Milda Debrincat; Tony Camilleri; Mr. Bonavia; Winston Caruana; Ġuża Sammut; Marija Schranz.

**AWSTRALJA:**

Ġiġa Grech; Joseph Grima; Ġina Calleja; Pauline Mifsud; Josephine Muscat; Rose Hili; Mary Anne Bonnici; Joe Cini; E.D. Gatt; Mary Micallef; Liża Grima; Nikkie Formosa; M.A. & M.S. Agius; Paul Azzopardi; Carmen Portelli; Ġużepp Mercieca; Tania Rapa; Salvina Muscat; Mario Muscat; Lora Simiana; Alfred Camilleri; Dolora Tabone; Rita Borg; Joe Cini; Joseph Borg; Rita Deguara; Mary Galea; Tona Sultana; J. Galea; Stella Tabone; Domenica Cauchi.

**U.S.A.**

Ġanna Cutajar; S. Camilleri; Tessie Spiteri; Rita Vella.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Fr. Peter Paul Cachia OSA.; Fr. A. Vella; Fr. Alphonse Sammut OFM. Conv.; Fr. Albert Sammut OFM. Conv.; Don Joe Galea; Fr. Paul Deguara SJ.; Dun Anton Borg; Fr. Joseph Camilleri Cini; Fr. Carmel Borg; Fr. Martinjan Cutajar OSA.; Saċ. Paolo Cardona; Dun Philip Gatt; Dun Eddie Zammit; Dun Karm Borg; Fr. Franġisk S. Caruana O. Carm.; Dun Karm Refalo; Rev. Paul Pace; Mons. Emmanuele Mercieca; Dun Ang Camilleri; Dun Reggie Camilleri; Dun Alex Refalo; Dun Mikiel Mintoff; Fr. Richard S. Grech; Fr. Victor Grech Dimech; Rev. Louis Bezzina; Fr. Paul Fenech; Fr. Lorry Galea; Fr. Michael Farrugia O.Carm.; Fr. Raimondo Fenech OFM. Conv.; Fr. John Hili; Fr. Paul Cremona O.Carm.; Mons. Anton Grech Vella; Can. Michael Camilleri; Dun Franġisk Azzopardi; P. Timotheus Azzopardi O.Carm.; Can. Vincent Cachia; Dun Mikiel Attard; Can. Carmelo Cini; Can. Joseph Sultana; Mgr. Joseph Curmi; Mgr. Joseph Buttigieg; Kan. Salvinu Cauchi; Fr. Mario Tong.

Fr. Alfred Camilleri; Dun Frans Abdilla; Fr. Victor Xuereb; Can. Joseph Sacco; Mons. Rużar Borg; D. Ġorġ Frendo; Fr. V. Raphael; Fr. V. Jeremias; Kan. Salv Pace; Fr. Norman Kersey; Mons. Lawrenz Xerri; Can. Martin Portelli; Kapp. Dun Franġisk Debrincat; Fr. John Philip Curmi MSSP.; Fr. Raniero Zammit OFM. Cap.; Fr. E. Borg Oliver; Fr.Anthony Caruana SDB.; Mons. Joseph Schembri; Rev. Salv Sultana; Fr. Carmel Curmi; Fr. Frank Buhagiar; Kapp. Mikiel Borg; Saċ. Ray Vella; P. Joe Bonello OFM.; Arċip. Mgr. Anton Saliba; Can. Salv Pace; Dun Salv Azzopardi; P. Tonio Mifsud OFM. Conv.; Fr. Anthony Zahra; Fr. Hugh A. Mallia O. Carm.; Saċ. Dun Ġwann Dimech; Fr. Dennis Carabott MSSP.; Mons. Gius. Borg. Fr. Edwin Agius MSSP.; Fr. Albert Curmi.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Joseph Vella mix-Xagħra u Margaret Vella minn Sannat; Joe Fiteni miż-Żebbuġ u Rose Azzopardi mix-Xewkija; Joseph Vella minn Victoria (San Ġorġ) u Pauline Camilleri min-Nadur; Marċell Buttigieg mix-Xewkija u Maria Xuereb minn Victoria (San Ġorġ).

## PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI

*fl-okkażjoni ta'*

## L-ANNIVERSARJU TA' META MARIJA ASSUNTA TKELLMET MIX-XBIEHA MIRAKULUŻA TAS-SANTWARJU TA' PINU

## 17 - 22 ta' Ġunju, 1988

**Il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju: Jum iż-Żgħażagħ:**
Fis-7.30 p.m. Tislima taż-Żgħażagħ Għawdxin lill-Madonna. Issir Serata Marjana miż-Żgħażagħ fuq iz-Zuntier tas-Santwarju.

**Is-Sibt, 18 ta' Ġunju: Jum l-Anzjani:**
Fl-4.00 p.m. Quddiesa bl-omelija għall-morda u l-anzjani minn Dun Manwel Curmi. Wara jkun hemm Refreshments.

**Il-Ħadd, 19 ta' Ġunju: Jum is-Sorijiet:**
Quddies fis-6.15 a.m., 8.30 a.m., 10.15 a.m., 11.15 a.m. Fl-4.00 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija għas-sorijiet tad-Djoċesi minn Mons. Ġużepp Borg.
Fil-5.00 p.m. Quddiesa letta bl-omelija.

**It-Tnejn, 20 ta' Ġunju: Jum l-Inkurunazzjoni:**
Fis-7.00 p.m. Quddiesa bl-Għasar integrat mir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb.

**It-Tlieta, 21 ta' Ġunju: Lejlet Jum id-Dehra:**
Quddies fis-7.00 a.m., 8.30 a.m.
Fis-6.30 p.m. Translazzjoni tas-Supplika tal-Madonna li titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Wara Għasar mir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb. Fis-7.00 p.m. Quddiesa.

**L-Erbgħa, 22 ta' Ġunju: Jum id-Dehra:**
Quddies mill-4.30 a.m. sat-8.00 a.m. kull nofs siegħa.
Fit-8.30 a.m. Pellegrinaġġ mir-Rabat organizzat mill-Pia Unione Madonna ta' Pinu.
Fid-9.00 a.m. Quddiesa Pontifikali bl-omelija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Wara Supplika tal-Madonna ta' Pinu, Te Deum u Ċelebrażżjoni Ewkaristika.
Fil-11.00 a.m. Quddiesa letta.
Fil-5.00 p.m. Għasar Solenni mir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb.
Fil-5.30 p.m. Quddiesa u Affidament tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu".
Fit-8.00 p.m. Konċelebrazzjoni li titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u li għaliha huma mistiedna s-saċerdoti kollha sekulari u reliġjużi.
Issir iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet lir-rebbieħa tal-Konkors Poeżija Marjana mniedi miċ-Ċentru Kulturali Marjan tas-Santwarju ta' Pinu.

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"**SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU**"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* *"Servizz Soċjali bit-Telefon".*
* *"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".*
* *"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".*
* *"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".*

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- *Kellem lir-Rettur tas-Santwarju, Mons. Dun Beneditt Camilleri.*
- *Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.*
- *Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.*



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*